MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' April, 2012

Numru 211/2010

Il-Pulizija
(Spettur Keith Arnaud)

vs

Dexter Hartley

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 94693M akkuzat talli :

(i) f’xi gurnata bejn l-20 ta’ Frar 2010 u l-25 ta’ Frar 2010, f’hin matul il-lejl, minn gewwa r-residenza Sussex House, appartament numru 22, Triq l-Ibragg, Ibragg, flimkien ma’ persuni ohra, ikkommetta serq ta’oggetti, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz , bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u

sebgha u tletin centenzmu (€ 2,329.37), bil-hin u bil-lok u dan ghad- detriment ta' Alex u Audrey Burns mill-Iskozja u/jew persuna jew persuni ohra;

(ii) f'xi jum bejn Frar 2009 u Marzu 2009 f'hin matul il-lejl, minn gewwa l-istabbilment Qube, li jinsab fit-tarag ta'Santa Rita, Paceville, flimkien ma' persuna ohra ikkommetta serq ta' flus minn fuq persuna mhux maghrufa, liema serq huwa aggravat bil-hin u dan ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa;

(iii) f'xi jum bejn Gunju 2009 u Awwissu 2009, f'hin matul il-gurnata, minn fuq il-Bajja ta' San Gorg, San Giljan, ikkommetta serq ta' oggetti ghad-detriment ta' persuna jew persuni mhux maghrufa;

(iv) f'xi jum bejn Gunju 2009 u Awwissu 2009, f'hin matul il-lejl, minn gewwa l-istabbiliment Kayote, li jinsab fi Triq San Gorg Paceville, ikkommetta serq ta' handbag, liema serq aggravat bil-hin u dan ghad-detriment ta' persuna jew persuni mhux maghrufa;

(v) f'xi jum bejn Marzu 2009 u Awwissu 2009, f'hin matul il-lejl, minn gewwa l-Wied ta' San Gwann, San Gwann, flimkien ma' persuna ohra, ikkommetta serq ta' flus minn fuq persuna mhux maghrufa, liema serq huwa aggravat bil-hin u dang had-detriment ta' persuna jew persuni mhux maghrufa;

(vi) f' xi jum bejn Mejju 2009 u Awwissu 2009, f'hin matul il-lejl, minn fuq il-Bajja ta' San Gorg, San Giljan, flimkien ma' persuni ohra , ikkommetta serq ta' handbag minn fuq persuna mhux maghrufa, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-hin u dan ghad-detriment ta' persuna jew persuni mhux maghrufa;

(vii) f' xi jum bejn Mejju 2009 u Settembru 2009, f'hin matul il-lejl, minn gewwa Triq id-Dragonara, Paceville,ikkommetta serq ta' oggett minn fuq persuna mhux maghrufa, liema serq huwa aggravat bil-hin u dan ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa;

(viii) nhar il-25 ta’ Frar 2010, ghall-habta ta’ 02:30 ta’ filghodu, mill-Bajja ta’San Gorg San Giljan, flimkien ma’ persuni ohra, ikkommetta serq ta’ handbag, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-hin u dan ghad-detriment ta’ Juliana Galleo Munoz ta’ nazzjonalita’ Kolumbjana u persuna jew persuni ohra;

(ix) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Juliana Galleo Munoz f’periklu car, ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ l-istess Juliana Galleo Munoz ta’ nazzjonalita’ Kolumbjana;

(x) f’xi jum fi Frar 2010, f’hin matul il-lejl, gewa Triq it-Torri kantuniera ma ‘ Triq il-Kbira, Balluta, flimkien ma’ persuni ohra, bil-hsieb li jaghmel delitt ta’serq, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ ta’ l-imputat u li kieku gie esegwit kien inkun serq ikkwalifkat bil-vjolenza u bil-hin u dan ghad-detriment ta’ persuna jew persuni mhux maghrufa;

(xi) f’xi jum fi Frar 2010, f’hin matul il-lejl, gewwa l-Bajja ta’ San Gorg, San Giljan, flimkien ma’ persuni ohra , bil-hsieb li jaghmel delitt ta’ serq, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ ta’ l-imputat u li kieku gie esegwit kien inkun serq ikkwalifkat bil-vjolenza u bil-hin u dan ghad-detriment ta’ persuna jew persuni mhux maghrufa;

(xii) f’xi jum fi Frar 2010, f’hin matul il-lejl, minn gewwa WaterGate Flats, Triq Victor Denaro, Imsida, flimkien ma’ persuna ohra, ikkommetta serq ta’ oggett, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-lok u dan ghad-detriment ta’ persuni jew persuni mhux maghrufa;

(xiii) bejn ix-xhur ta’ Frar 2009 u Frar 2010, xjentement f’ Malta ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda

b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentament b'kull mod li jkun, indhalt biex tbiegh jew tmexxi dawn l-oggetti;

(xiv) sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat r-rinviju ghall-gudizzju mahrug mill-Avukat Generali permezz ta' liema ittrasmetta l-atti tal-kumpilazzjoni lill-dina l-Qorti sabiex in forza tal-artikolu tal-ligi minnha citati tiggudika lill-imputat dwar il-htija jew nuqqas taghha;

Semghet lill-imputat jaghti l-kunsens tieghu biex jigi iggudikat minn dina l-Qorti;

Semghet lill-imputat f'dan l-istadju jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra;

Semghet ix-xhieda imressqa;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-ammissjoni tal-imputat hi wahda volontarja u inkondizzjonata. Il-htija tieghu però tirrizulta wkoll minn fatturi oltre li jirrisultaw mill-atti processwali. Hemm taht dan l-aspett l-istqarrijiet dettaljati tieghu li jakkwistaw prova probatorja bl-ammissjoni tieghu stess. Intant , l-imputat huwa mixli b'numru ta' disa serqiet, b'zewg attentati ta' serq u b'li kkaguna offiza ta' natura hafifa. Reati dawn specjalment ghal dak li jirrigwarda s-serq li jimmeritaw snin ta' prigunerija.

Illi mal-ammissjoni tal-imputat tenut kont l-eta' tieghu meta saru r-reati u l-applikazzjoni talvota tal-Artikolu 18 tal-Kap

9 l-Qorti ordnat li jsir “social inquiry report” bl-intiza li tkun informata dwar l-idenjeta’ tal-imputat (illum maggorenni) biex jaghmel servizz fil-komunita. Fir-rakkomandizzjonijiet tal-ufficjal tal-Probation hemm dik li l-imputat jitqieghed that ordni ta’ Probation skond l-Artikolu 18 tal-Kap 446.

Wara li rat l-atti kollha processwali l-Qorti taqbel u sejra minflokk ma taghti sentenza ta’ prigunerija kontra l-imputat tqieghdu that ordni ta’ probation u servizz igifieri sejra tqieghdu taht is-sorveljanza ta’ probation kif specifikat fl-Artikolu 7 u li jaqdi servizz fil-komunita’ kif specifikat fl-Artikolu 11 tal-imsemmi Kap 446.

Issib ghalhekk l-imputat hati hlief ghar-ricettizzjoni li hi alternattiva ghas-serq;

Rat l-Artikolu 261 (a)(b)(c)(e)(f), 263, 264, 265, 267, 269 (g), 270, 276, 278, 279 (b), 280 (2), 281 (a) (b), 284, 285, 286, 41 (1) (a), 214 u 221(1), 49, 50, 17, 31, 37 u 18.

Taghmel l- kontra tieghu ordni ta’ probation u servizz skond l-Artikolu 18 tal-Kap 446 b’dan li tpoggi lill- imputat taht is-sorveljanza ta’ ufficjal ta’ probation ghal zmien tlett snin mill-lum u tordna li jaghmel servizz fil-komunita’ ta’ mitt siegha.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza specifikament l-obbligi tieghu taht l-Artikolu 19 tac-citat Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------